**Kummissjoni Ambjent**
**Arċidjocesi ta' Malta**

# OPINJONI DWAR

## l-Istrateġija tal-Immaniġġjar tal-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin Dokument ta' Konsultazzjoni, Jannar 2009

## u dwar

## Rapport ta' Konsultazzjoni: Strateġija Nazzjonali ta' Miżuri ta' Politika u Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Gassijiet Serra.

## 1.0 Daħla

Sa mill-bidu tagħha l-Kummissjoni Ambjent - Arċidjoċesi ta' Malta, impenjat ruħha li ssemma' leħinha dwar diversi kwistjonijiet ambjentali li jistgħu jheddu l-kwalità tal-ħajja tas-soċjetà tagħna. Fid-diversi opinjonijiet li ppubblikat, il-KA ippruvat tniedi jew tipparteċipa f'diskussjoni nazzjonali fuq kwistjonijiet ambjentali varji bl-għan li toħloq kuxjenza Nisranija favur stili ta' ħajja sostenibbli.

Il-KA għażlet li tkompli bl-istess strateġija tagħha billi tikkummenta fuq żewġ dokumenti ppubblikati għall-konsultazzjoni nazzjonali: wieħed fuq l-istrateġija aġġornata dwar l-iskart solidu u l-ieħor dwar t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Tajjeb li wieħed isemmi li l-KA kienet diġà tkellmet fuq dawn iż-żewġ temi fi stqarrijiet oħra.

Il-KA tinnota b'sodisfazzjon li l-idea li ssir konsultazzjoni pubblika fuq *policies* importanti saret esiġenza nazzjonali, għax permezz tagħha s-soċjetà ċivili tingħata l-opportunità sabiex tkun parteċipi fid-deċiżjonijiet li jsiru minn żmien għal żmien. Madanakollu, tajjeb li noqogħdu attenti sabiex din l-opportunità tkompli tissaħħaħ u titjieb billi:

(a) il-proċess ta' konsultazzjoni jsir kemm qabel ma tkun implimentata l-*policy* kif ukoll waqt l-implimentazzjoni tal-*policy*. B'hekk biss jista' jkun żgurat li dak li jkun qed jiġi implimentat ikun konformi ma' dak li jkun maqbul fuqu fl-ewwel fażi tal-konsultazzjoni;

(b) ikun żgurat li l-proċess ta' konsultazzjoni ma jispiċċax okkażjoni fejn iċ-ċittadini jkunu sempliċiment infurmati bi pjanijiet u deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu;

(ċ) niżguraw li l-proċess konsultattiv ikun wieħed verament inklussiv, jiġifieri li jagħti widen għall-opinjonijiet u l-interessi tas-setturi differenti tas-soċjetà … b'mod partikolari dawk li huma emarġinati u/jew żvantaġġati;

(d) niżguraw id-dritt ta' kull ċittadin jew grupp li jipparteċipa fi proċess ta' konsultazzjoni mingħajr il-biża' ta' xi sanzjonijiet għall-fehma tiegħu;

(e) iċ-ċittadini jagħrfu d-dmir tagħhom li jipparteċipaw fil-konsultazzjoni b'mod sinċier, b'impenn u responsabbiltà lejn il-ġid komuni … u mhux biex jiżguraw l-interessi personali tagħhom; u

(f) inrawmu maturità politika:

- fl-awtoritajiet ċivili – sabiex ikunu flessibbli biżżejjed li jaddattaw il-pjanijiet tagħhom skont il-bżonnijiet emerġenti tas-soċjetà; u
- fil-politiċi li jirrappreżentawna fil-Parlament – sabiex (skont it-talba [1] li jgħidu fil-bidu ta' kull seduta) dak kollu li jagħmlu jkun motivat mis-sewwa u minn impenn lejn il-ġid komuni … u mhux minn interessi partiġġjani jew biex jinkiseb xi kapital politiku.

Meta dan il-proċess ta' konsultazzjoni jsir bir-reqqa, iċ-ċittadin iħossu parti mid-deċiżjonijiet li jittieħdu u jibda jrawwem fih l-impenn meħtieġ biex jiżviluppa responsabbiltà ambjentali. Ċittadini impenjati u involuti fid-deċiżjonijiet ikunu kapaċi jifhmu r-raġuni wara ċerti inizjattivi proposti u għalhekk ikunu aktar lesti li jġorru l-piż li dawn il-miżuri jeħtieġu.

Sfortunatament hemm min għadu jsostni li proċess ta' konsultazzjoni hu ħela ta' ħin u li jista' jkun sostitwit minn rapporti u rakkomandazzjonijiet ta' esperti fil-qasam konċernat. Hemm ukoll min iħoss li ċerti fatturi, bħal per eżempju d-disponibiltà ta' fondi Ewropej għal xi proġett, għandhom b'xi mod jikkondizzjonaw proċess ħieles u wiesa' ta' konsultazzjoni. L-esperjenza u r-riċerka urew li ideat bħal dawn mhux biss inawru l-impenn u r-responsabbiltà taċ-ċittadini, talli fl-aħħar mill-aħħar ifixklu l-implimentazzjoni tal-*policies* proposti minħabba li ma jkunux evalwaw bis-serjetà l-impatt fuq is-soċjetà ċivili.

## 2.0 Rapport ta' Konsultazzjoni: L-Istrateġija tal-Immaniġġjar tal-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin Dokument ta' Konsultazzjoni, Jannar 2009

Minn kemm ilha mwaqqfa, il-KA ħadet sehem sħiħ fid-diskussjoni pubblika dwar il-mod kif għandna nimmaniġġjaw l-iskart solidu f'dawn il-gżejjer. Dan għamlitu minħabba l-fatt li l-iżvilupp sostenibbli f'kull qasam tas-setturi ekonomiċi, soċjali u ambjentali għandu rabta diretta ma' dan is-suġġett. Sa issa, il-KA ippubblikat tliet dokumenti ta' opinjoni li jittrattaw kemm l-għażliet strateġiċi f'dan il-qasam[2], kif ukoll id-dettalji tal-implimentazzjonijiet ta' dawn l-għażliet, b'mod partikulari fuq proposti ta' żviluppi ta' *landfills* fil-limiti tal-Qrendi u s-Siġġiewi[3] u tal-impjant f'Sant Antnin, Marsaskala[4].

Fl-opinjoni dwar l-Istrateġija tal-Immaniġġjar tal-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin, maħruġa f'Lulju 2005, il-KA identifikat l-prinċipji bażiċi ta' żvilupp sostenibbli u

---

[1] Fil-bidu ta' kull seduta parlamentari, id-deputati jgħidu din it-talba: "O Alla li tista' kollox, dawwal lil moħħna, ħeġġeġ lil qalbna bl-Ispirtu tiegħek, biex dak kollu li aħna nagħmlu f'din il-Kamra jkun ta' glorja lilek u ta' ġid għall-poplu tagħna."

[2] Opinjoni tal-Kummissjoni Ambjent dwar l-Istrateġija tal-Immaniġġjar tal-Iskart Solidu għall-Gżejjer Maltin, 29 ta' Lulju 2005.

[3] Opinion Paper on Environmental Statement: Restoration of Quarries by landfilling at ix-Xagħra tal-Magħlaq and il-Qasam il-Kbir (Qrendi/Siġġiewi). 18 ta Marzu 2004.

[4] Opinjoni tal-Kummissjoni Ambjent dwar it-Tieni Proposta għall-Iżvilupp fl-Impjant ta' Sant' Antnin għat-Trattament ta' Skart Solidu. 2 ta' Settembru 2005.

sostniet l-importanza li dawn jitħaddmu bis-sħiħ fl-istrateġija għall-immaniġġjar tal-iskart. Konna sostnejna li r-responsabbiltà sabiex insolvu l-problema tal-iskart taqa' fuq kulħadd, kemm l-awtoritajiet u wisq aktar il-poplu. Dan ifisser li ċ-ċittadin għandu jingħata l-opportunità li jiżviluppa ħiliet, attitudnijiet u valuri li huma l-bażi ta' etika ambjentali li tgħinu jġorr din ir-responsabbiltà. Għalhekk il-ħtieġa ta' programm kontinwu ta' komunikazzjoni u konsultazzjoni, u mhux sempliċiment laqgħat ta' informazzjoni. Kien jidher ċar li l-immaniġġjar tal-iskart kellu jistrieħ mhux biss fuq soluzzjonijiet teknoloġiċi iżda wkoll fuq il-parteċipazzjoni taċ-ċittadin infurmat u edukat, flimkien ma' inċentivi (u fejn hemm bżonn disinċentivi) korretti u ġusti li jservu sabiex jgħinu liċ-ċittadin jagħmel l-għażliet għall-ġid komuni. Fl-2005, il-KA ħasset li l-Istrateġija tal-Immaniġġjar tal-Iskart Solidu kellha tendenza tkun reattiva aktar milli proattiva. Skont il-prinċipji fundamentali tal-immaniġġjar tal-iskart[5], l-ogħla prijorità kellha tingħata lill-prattiċi li jnaqqsu l-iskart. Madankollu, l-istrateġija kienet tenfasizza r-riċiklaġġ tal-iskart u ma tippruvax issib modi kif tattakka l-kawża u mhux is-sintomi tal-problema.

Riċentement, il-Gvern ippubblika rapport[6] li kien komplut fl-2005 li janalizza kif żviluppat din l-istrateġija ppubblikata fl-2001 u kemm kienu ntlaħqu mill-miri oriġinali tagħha sas-sena 2004. Imma dan l-awditjar donnu kien intiż biss sabiex jelenka l-progress (jew in-nuqqas tiegħu) mingħajr ma janalizza r-raġunijiet li setgħu wasslu għal dan.

F'Jannar 2009, kienet ippubblikata għad-diskussjoni pubblika, l-ewwel reviżjoni tal-istrateġija tal-immaniġġjar tal-iskart[7]. L-għan ewlieni ta' din ir-Reviżjoni kienet li turi l-miri u d-direzzjonijiet strateġiċi li l-Gvern qiegħed jipproponi li għandhom jittieħdu mill-pajjiż f'dan il-qasam. Għal dan il-għan, tnediet diskussjoni pubblika u kostruttiva u kienet saret dikjarazzjoni solenni li l-Gvern lest jikkonsidra s-suġġerimenti u l-opinjonijiet ta' kulħadd. Huwa f'dan l-ispirtu li l-KA qiegħda taqdi d-dmir tagħha li tikkontribwixxi għal din id-diskussjoni.

Bħala kumment ġenerali, il-KA tħoss li dan id-dokument ta' Reviżjoni, jagħmel diversi proposti bis-sens u f'ħafna partijiet, joffri ġustifikazzjoni sensibbli għal dawn il-proposti. Iżda sfortunatament jidher li xi partijiet ta' din ir-Reviżjoni mhumiex daqshekk konsistenti fil-kwalità ta' raġunar u ġustifikazzjoni, speċjalment meta jidħol fin-nofs il-bżonn ta' inċinerazzjoni tal-iskart. F'dawn il-partijiet, id-dokument hu wisq apoloġetiku dwar l-għaliex għandna nieħdu din id-direzzjoni, u minflok jesplora alternattivi oħra, jasal għall-konklużjoni li din għandha tkun l-aħjar triq għal ċerti tipi ta' skart. Fi ftit kliem, donnu li din il-parti tad-dokument tipprova tiġġustifika deċiżjoni strateġika li ttieħdet diġà.

Ħaġa oħra li konna nixtiequ naraw f'dan id-dokument, hija evalwazzjoni aktar dettaljata dwar fejn wasalna sa issa f'din l-istrateġija ... mill-aħħar *'Situation Audit'* li kien sar sas-sena 2004. L-esperjenza ta' dawn l-aħħar ħames snin urietna li sar ħafna progress f'dan il-qasam, speċjalment meta nqisu l-għeluq tal-miżbla tal-Magħtab, il-

[5] Magħrufa bħala t-*Three Rs*: *Reduce* (naqqas), *Reuse* (erġa uża) u *Recycle* (Irriċikla)

[6] Situation Audit of the Solid Waste Management Strategy for the Maltese Islands. January 2005. Management Efficiency Unit

[7] A Solid Waste Management Strategy for the Maltese Islands. First Update. Consultation Document. January 2009. Ministry for Resources and Rural Affairs. F'din l-Opinjoni, kull fejn tissemma' "Reviżjoni" tkun qed issir referenza għal dan id-dokument).

bidu tal-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iħammeġ iħallas (*Polluter or Waste Producer Pays Principle)*, id-diversi inizjattivi sabiex jiżdied ir-riċiklaġġ tal-iskart kif ukoll l-investiment qawwi li sar f'impjanti ġodda marbutin mal-iskart. Iżda anke mill-istess Reviżjoni, jidher ċar li għad hemm ħafna x'isir u li wisq probabbli qed naqgħu lura fl-isforzi nazzjonali sabiex innaqqsu l-iskart u/jew nirriċiklawh.

F'din l-opinjoni, il-KA se tħares lejn id-direzzjonijiet offruti aktar milli tidħol f'kull dettal ta' din ir-Reviżjoni.

## 2.1 Il-prijorità fl-immaniġġjar tal-iskart

L-Istrateġija oriġinali kienet tagħti wkoll prijorità fl-immaniġġjar tal-iskart lill-prattiċi li jnaqqsu l-iskart. Sa ċertu punt, id-dokument ta' Reviżjoni jagħmel wkoll din l-għażla strateġika. Iżda f'diversi partijiet minn dan id-dokument jinħass id-dubju ta' kemm is-soċjetà Maltija lesta tbiddel l-imġiba tagħha ħalli dan isir realtà. Nifhmu li din l-għażla tirrikjedi aktar sensittività mill-poplu lejn il-problemi ambjentali ta' skart żejjed u lejn il-prezz li xi darba (jekk mhux illum ... għada) irridu nħallsu mhux biss f'termini ambjentali imma anke f'terminu ekonomiku għal dan in-nuqqas ta' għaqal.

Fl-2005, il-KA kienet apprezzat l-urġenza li bħala pajjiż kellna nsibu mezzi effiċjenti li jikkontrollaw l-ammont ta' skart li diġà hu ġġenerat, u li għalhekk l-enfasi tal-Istrateġija kien aktar mixħut fuq l-aħħar tliet prattiċi (i.e. *Recycling*, *Recovery* u *Disposal*) milli fuq l-ewwel għażla (i.e. *Waste prevention / reduction*).

Dak iż-żmien il-KA kienet espremiet l-opinjoni li filwaqt li l-Istrateġija hi metikoluża u serja ħafna fil-proposti li tagħmel biex issib il-kura għas-sintomi ta' din il-problema nazzjonali (i.e. l-ammont eċċessiv ta' skart ġenerat), ftit li xejn hemm enfasi fuq **kif** tkun attakkata l-kawża. L-investiment kien prinċipalment fuq soluzzjonijiet tekniċi biss. Minkejja li l-Istrateġija tagħraf li s-sehem taċ-ċittadin hu importanti ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' riżorsi allokati biex dan ikun jista' jseħħ. Dak iż-żmien il-KA kienet ittamat li din is-sitwazzjoni tkun irranġata fir-reviżjoni tal-Istrateġija. Sfortunatament, jidher li dan il-fattur reġa' ma ngħatax l-attenzjoni meħtieġa f'dan id-dokument ta' Reviżjoni.

Il-KA tinnota b'sodisfazzjon l-introduzzjoni ta' kunċetti li kienet issuġġeriet kemm-il darba: bħall-edukazzjoni ambjentali għall-adulti; strateġija edukattiva iffukata fuq is-setturi kollha (i.e. dawk formali, non formali u nformali) u inizjattivi ppjanati sabiex tissaħħaħ l-informazzjoni f'dan is-settur speċjalment permezz tar-riċerka. Filwaqt li d-dokument jaċċetta l-importanza tar-rwol tal-edukazzjoni ambjentali fi strateġija bħal din, madanakollu, il-KA tinnota li għad hemm konfużjoni sħiħa dwar xi tfisser. Per eżempju, ir-Reviżjoni terġa' tagħmel l-iżball li deher fid-dokumenti ta' qabilha li tħawwad l-edukazzjoni ambjentali ma' proċess unilaterali ("*one-way*") ta' trasferiment ta' informazzjoni (p.39). Ir-riċerka f'dan il-qasam uriet mingħajr tlaqliq li billi tinforma m'intix qed teduka; jiġifieri m'intix qed tnissel il-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex iġġib bidla fl-imġiba.

Ħaġa oħra stramba kienet l-asserzjoni li t-tema tal-immaniġġjar tal-iskart mhux qed tingħata attenzjoni u emfasi biżżejjed fl-iskejjel, tant li mhux qed tiġġenera bidla fl-attitudnijiet u l-imġiba tal-istudenti. Kull min għandu kuntatt mal-iskejjel jaf li x-xogħol li jwettqu l-istess WasteServ u l-programm EkoSkola qed joħolqu ġenerazzjoni ta' studenti li huma konxji ħafna mir-responsabbiltajiet tagħhom fl-immaniġġjar tal-iskart. Il-problema mhix li t-tfal mhumiex konxji dwar il-kwistjoni, imma li jitħawdu

meta jkunu ffaċċjati minn deċiżjonijiet li jmorru kontra dik l-imġiba li jkunu draw jagħmlu (eż. il-ġbir ta' frazzjonijiet differenti ta' skart f'borża waħda minflok f'boroż separati, u l-introduzzjoni ta' fliexken tal-plastik flok dawk tal-ħġieġ).

### 2.2 Politika tal-Immaniġġjar u Istituzzjonijiet

Id-dokument ta' Reviżjoni jelenka l-iżvilupp fil-liġijiet u r-regolamenti f'dan il-qasam, li ċertament kien impressjonanti. Fl-istess waqt, huwa aċċettat il-fatt li jekk ma jkunx hemm implimentazzjoni sħiħa u l-infurzar ta' dawn il-liġijiet, dan l-iżvilupp ma jkun ifisser xejn. L-implimentazzjoni u l-infurzar jirrikjedu riżorsi, sistemi u proċeduri li l-istess Reviżjoni tindika (p. 9). Hawn il-Gvern jistqarr il-bżonn li r-riżorsi eżistenti jkunu utilizzati aħjar. Dan japplika b'mod partikulari għas-sitwazzjoni fi ħdan il-MEPA. Ta' min josserva li r-riżorsi amministrattivi u ta' personàl fil-MEPA bħalissa huma fi stat prekarju u wisq probabbli li diġà mhux qed ilaħħqu mal-obbligi li Malta għandha lejn l-UE. Dan jgħodd speċjalment għad-Direttorat tal-Ambjent (EPD) fi ħdan il-MEPA. Dan id-direttorat għandu bżonn mhux biss ta' aktar nies, iżda aktar tekniċi u amministraturi li jkollhom il-kapaċitajiet neċessarji għal dan ix-xogħol skabruż ta' infurzar.

B'infurzar ma nifhmux biss li wieħed jagħmilha ta' pulizija jew *inspector*, iżda wkoll li jkollok sistemi li jaħdmu ta' kif tiġbor l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tkun f'pożizzjoni li verament tkun taf jekk l-istrateġija hix qed taħdem u tilħaq il-miri tagħha. Għalhekk, l-idea li ssir rilokazzjoni ta' 'riżorsi kompetenti fis-servizz pubbliku li mhux utilizzati sew', mal-EPD (p.9), mhux neċessarjament se ssolvi din il-problema ta' nfurzar u implimentazzjoni.

### 2.3 Min iġorr ir-Responsabbiltà ta' Għemilu

Ir-Reviżjoni tagħmel enfazi speċjali għall-bżonn li jitjiebu t-*technical standards* u l-*codes of practice* f'kull ħidma u f'kull operazzjoni li għandha x'taqsam mal-immaniġġjar tal-iskart. Il-KA taqbel perfettament ma' dan. Anzi, temmen li dawn il-prattiċi għandhom ikunu żviluppati f'kull livell: ibda mill-ġbir tal-iskart mit-triqat sal-ogħla tekniku responsabbli fl-impjanti tat-trattament (jew inċineraturi) tal-iskart. Nemmnu li wasal iż-żmien li r-responsabbiltà tal-operatur għandu jkollha marbut magħha l-obbligu (*liability*) lejn il-pubbliku. Dan ifisser li operatur imħallas sabiex jaċċerta li l-impjant jaħdem tajjeb fil-limiti ta' kriterji stabbiliti, għandu jinżamm responsabbli individwalment u direttament għal kull dannu fuq is-saħħa tan-nies jew fuq ir-riżorsi ambjentali, jekk ikun ippruvat li dan id-dannu seħħ b'negliġenza fl-operat tiegħu. Din ir-responsabbiltà trid tinġarr ukoll mill-kumpanijja jew entità li tħaddem lil dan l-impjegat.

Nifhmu li għad fadal ħafna x'isir sabiex nilħqu dan il-livell ta' '*accountability*' u sabiex tinqered darba għaldejjem l-attitudni tax-"xejn mhu xejn". Iżda nemmnu li dan is-sens qawwi ta' responsabbiltà għall-aġir biss jista' jiżgura li kulħadd iwettaq xogħlu kif imiss mingħajr ebda indħil ... kemm ta' natura politika u/jew amministrattiva. Kull strateġija tirnexxi jew tfalli fil-fażi ta' implimentazzjoni tagħha. F'din l-implimentazzjoni hemm tliet livelli ta' responsabbiltà: dik politika, dik amministrattiva u dik teknika. Normalment ir-responsabbiltà tal-politiku tinħall mal-għażla tal-poplu waqt elezzjoni. Mhux l-istess nistgħu ngħidu għal min iġorr responsabbiltà amministrattiva jew operattiva. Is-sistema ġudizzjarja (kif ukoll dik kulturali u soċjali)

tagħna donnu toħloq ħafna ostakoli sabiex dan it-tip ta' obbligu (*accountability* u *liability*) lejn min isofri xi dannu, jitwettaq b'mod ġust u prattiku.

Mill-banda l-oħra, min jipproduċi l-iskart għandu jassumi r-responsabbiltà tiegħu u jħallas l-ispejjeż involuti fl-immaniġġjar ta' dan l-iskart. Il-KA taqbel ma' dan il-prinċipju għax huwa wieħed ġust. Dan jinkludi l-Eko-Kontribuzzjoni u skemi msemmija fir-Reviżjoni (eż. f'p.11). Fl-istess waqt, huwa essenzjali li skemi bħal dawn jitħaddmu b'mod trasparenti sabiex il-poplu jibda jarahom mhux biss bħala mezz ta' kif l-awtoritajiet jiġbru l-fondi meħtieġa għall-implementazzjoni tal-Istrateġija (jew agħar minn hekk sempliċiment bħala taxxa), iżda bħala għodda effettiva li tnaqqas verament l-iskart, b'mod speċjali dak li l-aktar jagħmel ħsara lill-ambjent. Eżempju ta' dan hija l-iskema ta' ħlas għall-użu tal-basktijiet tal-plastik mill-ħwienet. Din hija sistema ġusta.

### 2.4 Ir-Rwol tal-WasteServ

Ċertament li l-kumpanija WasteServ kienet indispensabbli għalħafna mill-inizjattivi li rnexxew fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart f'dawn l-aħħar snin. Ir-rwol tagħha anke fl-edukazzjoni tal-pubbliku kien ukoll wieħed ta' min ifaħħru. Fl-istess waqt, bħala operatur ewlieni f'dan il-qasam sensittiv, inħossu li din il-kumpanija għandha wkoll tassumi r-responsabbiltà għad-danni li l-operat tagħha jista' jħalli fuq is-saħħa u l-ambjent, kif diġà spjegat hawn fuq. Il-KA tifhem li dan mhux se jitwettaq b'mod volontarju minn din il-kumpanija, u għalhekk tħoss li l-awtoritajiet għandhom jiżviluppaw sistemi ġudizzjarji u legali li jwasslu sabiex dan iseħħ.

Il-KA tinnota wkoll il-preokkupazzjoni li esprimew ir-rappreżentanti tas-settur kummerċjali dwar ir-rwol tal-kumpanija WasteServ meta qalu li din qed toħloq żbilanċ fis-suq ta' dan is-settur, għad-dannu tas-settur privat. Dan it-tip ta' argument jurina kemm imxejna 'l quddiem f'dan il-qasam, meta wieħed iqis li fis-snin 90, ftit kien hemm min iħares lejn l-iskart bħala suq. Issa wasalna sabiex nintebħu li l-iskart hu riżors importanti u l-immaniġġjar tiegħu jista' jħalli qligħ finanzjarju. Fl-istess waqt, il-KA tifhem il-bżonn li l-Gvern jibqa' jkollu rwol importanti ta' operatur f'dan il-qasam sensittiv għall-ekonomija u l-iżvilupp sostenibbli tal-pajjiż, anke permezz tal-WasteServ. Fl-istess waqt, għandu jingħata kull spazju lis-settur privat, speċjalment jekk il-prinċipji ta' *accountability* u *liability* kif spjegat aktar 'il fuq jibdew jitħaddmu bis-serjetà.

### 2.5 Ir-Rwol tal-Kunsilli Lokali

Ir-rwol tal-Kunsilli Lokali serva wkoll sabiex diversi inizjattivi f'dan il-qasam jibdew jaħdmu ... uħud b'suċċess u oħrajn b'inqas suċċess. Ir-Reviżjoni tagħti post prominenti lill-Kunsilli Lokali, speċjalment fil-ġbir tal-iskart domestiku u issa b'mod partikulari, f'diversi inizjattivi sabiex dan l-iskart mhux biss jintgħażel fid-djar b'mod aktar effettiv, imma wkoll li jkun hemm tnaqqis fil-produzzjoni tiegħu (pp.17 - 19, u 26 - 29, eċċ). Jidher ċar li l-ħsieb ewlieni wara dawn il-proposti – li għad iridu jkunu ċċarati - huwa li l-Kunsilli Lokali jkollhom rwol ferm aktar importanti milli sempliċiment dak li jiġbru l-iskart.

Il-KA taqbel ħafna ma' dan il-pjan, għaliex b'hekk inkunu qed nagħtu lil dawn l-amministrazzjonijiet lokali aktar poter u responsabbiltà fit-tħaddim tal-istrateġija u fl-infurzar u l-implimentazjoni tad-diversi fażijiet sensittivi tagħha. Dawn l-inizjattivi

jirnexxu biss jekk isir sforz ġenwin sabiex il-Kunsilli Lokali jkollhom verament sehem sħiħ (u mhux biss fuq bażi konsultattiva) fl-ippjanar tagħhom u fil-mod kif se jitwettqu. F'dan kollu, il-Gvern ma jridx jagħti l-impressjoni li qiegħed ifarfar xi responsabbiltajiet minn fuq spallejh għal fuq il-Kunsilli Lokali għax jaqbillu jagħmel dan sabiex ma jidhirx ikrah mal-konsumatur jew ma' min jipproduċi l-iskart. Fl-istess waqt, huwa importanti li jekk il-Kunsilli Lokali u l-komunitajiet tal-post se jġorru aktar responsabbiltà, għandhom jingħataw aktar setgħa li jiddeċiedu u jikkontrollaw l-implimentazzjoni ta' l-immaniġġjar tal-iskart flimkien mal-obbligi (*accountability* u *liability*) li semmejna aktar 'l fuq.

Dan ir-raġunar jaqbel mas-suġġeriment li l-KA kienet għamlet fl-opinjoni dwar it-tieni proposta għall-iżvilupp fl-impjant ta' Sant' Antnin (Settembru 2005). Dak in-nhar, il-KA kienet issuġġeriet li jitwaqqaf Bord Regolatorju bis-sehem ta' rappreżentanti tal-WasteServ, tal-MEPA u b'mod speċjali tal-komunitajiet tar-reġjun. Il-Bord Regolatorju kellu jkun responsabbli sabiex jissorvelja kull stadju tal-proġett (jiġifieri l-iddisinjar, l-ippjanar, ix-xogħol ta' kostruzzjoni u l-ikkummissjonar tad-diversi faċilitajiet) u li jissorvelja wkoll l-operat ta' dan l-impjant. It-twaqqif ta' dan il-bord, minbarra li jiżgura li jintlaħaq ftehim dwar il-kwistjoni b'mod li kull naħa toħroġ sodisfatta, kien se jagħti aktar setgħa u kontroll lir-residenti fid-deċiżjonijiet ambjentali li jsiru fil-lokalità tagħhom. Madankollu, din l-idea kienet injorata mill-partijiet konċernati kollha. Wieħed jistaqsi: Għaliex? Forsi għax nibżgħu nagħtu din is-setgħa lis-soċjetà ċivili? Jew jista' jkun li filwaqt li tisħaq għad-drittijiet tagħha, is-soċjetà ċivili stess tibża' mill-obbligi u r-responsabbiltajiet marbutin ma' din is-setgħa?

### 2.6 L-Inċineratur

Kif diġà għidna hawn fuq, ir-Reviżjoni għażlet li tagħti importanza kbira lill-bżonn tal-inċinerazzjoni tal-iskart. Jista' jkun li din l-għażla trid tittieħed minħabba li l-Istrateġija falliet fil-miri ewlenin tagħha li jitnaqqas l-ammont ta' skart li sejjer fil-miżbliet u fl-ammont ta' skart riċiklat. Iżda l-KA tħoss li din l-għażla rridu nagħmluha (jekk se nagħmluha) abbażi ta' raġunijiet validi u mhux suppożizzjonijiet. Irridu wkoll naċċertaw ruħna li jekk nadottaw din l-istrateġija, ma nkunux qed noħolqu kundizzjonijiet li jmorru kontra kull sforz li jrid isir sabiex jitnaqqas l-ammont ta' skart ġenerat. Għalhekk, tajjeb li niflu bir-reqqa r-raġunijiet prinċipali li ngħataw sabiex jiġġustifikaw il-bżonn ta' inċineratur sabiex jinħaraq l-iskart li mhux reċikabbli.

- **In-nuqqas ta' spazju għal aktar miżbliet (*engineered landfills*):** Huwa veru li l-isforzi kollha sabiex innaqqsu l-produzzjoni tal-iskart u sabiex inżidu r-riċiklaġġ (li fih innifsu mhux se jsolvi l-problemi kollha) sa issa ma tawx ir-riżultati mixtieqa. B'hekk il-miżbla eżistenti tal-Għallis ma tantx se tibqa' sservi fit-tul. Jidher ċar li l-problema fundamentali f'dan kollu hija li l-inizjattivi maħsuba sabiex jitnaqqas l-ammont ta' ċertu tip ta' skart, ma ħadmux. Qabel ma ngħaddu għalsoluzzjoni hekk drastika, tajjeb li wieħed janalizza sewwa għaliex ġara hekk ħalli nkunu żguri li b'dak li qed nagħmlu ma nkunux qed nattakkaw is-sintomi u mhux il-kawża.
- **L-użu tal-iskart bħala riżorsa ta' enerġija:** L-inċineratur huwa biss wieħed mid-diversi metodi ta' kif nistgħu nirkupraw l-enerġija minn ċerti tipi ta' skart. Fil-fatt, ir-Reviżjoni tagħti dettalji ta' dawn il-metodi oħra, bħal per eżempju l-impjanti għall-***mechanical biological treatment.*** Il-KA taqbel mal-kunċett li jsir

rekupru tal-enerġija mill-iskart u li jiżdiedu mpjanti bħal dawn (eż. fl-Għallis u f'Għawdex) sakemm dawn l-iżviluppi jsiru, ikunu implimentati u operati b'mod li jirrispetta l-ambjent u s-saħħa tan-nies tal-post. Madankollu, r-raġunijiet miġjuba sabiex jintlaħqu l-miri ndikati mhumiex biżżejjed biex jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' impjant tal-inċinerazzjoni kif propost f'Dellimara.

- **L-inċineratur li jaħraq l-iskart**, **jagħmilna anqas dipendenti ekonomikament fuq l-użu ta' żjut għall-enerġija u jgħinna nilħqu l-miri ta' Malta dwar it-tibdil fil-klima:** L-użu ta' gassijiet bħall-metanu (li huwa wieħed mill-gassijiet li joħorġu mill-miżbliet) sabiex nipproduċu l-enerġija, jagħmel ħafna sens u jgħin sabiex jitnaqqas l-impatt fuq il-klima. Iżda wieħed għandu jistaqsi jekk dan l-argument jagħmilx sens fil-kas tal-inċineratur?

  Jeżistu diversi studji[8] li jikkontradixxu dan l-argument. Instab li l-użu tal-inċineratur, meta mqabbel mal-ħruq ta' żjut u *fuels* oħra, mhux neċessarjament inaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet li jbiddlu il-klima. Fl-istess waqt, jekk tqis l-ammont ta' enerġija wżata sabiex jinħadmu l-prodotti tal-iskart li issa se jinħarqu fl-inċineratur (*embodied energy*), huwa diffiċli li tippreżenta l-użu tal-inċinaratur għall-iskart bħala xi strateġija ħolistika li tgħin fil-konservazzjoni u l-użu anqas tal-enerġija.

Jidher ċar li l-aħjar strateġija fit-tul, mibnija verament fuq prinċipji sostenibbli u li jħarsu l-ambjent hija li, b'xi mod jew ieħor, jitnaqqas l-ammont ta' skart li mhux riċikabbli. Il-mira aħħarija għandha tkun li jitnaqqas l-ammont tal-iskart residwali. L-użu tal-inċineratur sabiex nużaw dan l-iskart residwu jista' jkun kontroproduttiv għall-isforzi tagħna sabiex innaqqsu minn dan l-iskart. Dan għaliex l-operat u l-effiċjenza tal-inċineratur jirrikjedu li l-ammont ta' skart disponibbli għall-ħruq irid ikun stabbli u ċertament ma jistax jonqos. Tant hu hekk, li dawk il-pajjiżi li jagħżlu din it-triq għall-immaniġġjar tal-iskart, jagħmlu dan wara li jkunu żguraw li hemm konsinja kontinwa u sostanzjali ta' dak it-tip ta' skart. Fi ftit kliem, hemm ċans reali li, minflok jgħin biex jonqos l-iskart, l-użu tal-inċineratur joħloq bżonn għal aktar skart sabiex l-impjant jinżamm jaħdem. Din il-preokupazzjoni ssegwi minn diversi stqarrijiet (repetuti fir-Reviżjoni f'p.26) li jsostnu li fil-kas ta' gżira żgħira bħal Malta l-frazzjoni ta' skart residwu hu wieħed żgħir.

Fid-diskussjoni pubblika dwar l-għażla tal-inċinerazzjoni tal-iskart, spiss issemmiet il-possibbiltà ta' riskji fuq is-saħħa u fuq l-ambjent ikkaġunati mill-emissjonijiet ta' impjant bħal dan - speċjalment meta ma jkunux operat kif suppost. Fl-istess waqt hemm min isostni li inċineraturi bħal dawn diġà jeżistu f'postijiet oħra fosthom fl-Ewropa u jidher li hawnhekk dawn ir-riskji huma kkontrollati tajjeb. Allura għaliex dan ma jistax iseħħ ukoll hawn Malta?

Il-KA taqbel li ma għandniex nassumu li jekk impjanti bħal dawn jaħdmu f'Malta iridu ta' bilfors jaħdmu ħażin. Madankollu, wieħed jistaqsi: Minn fejn ġejja din il-perċezzjoni ta' tant nies li jista' jiġri hekk? Forsi ġejja mill-esperjenza? Forsi mill-kultura tagħna li donnu ħadd m'hu lest jerfa' r-responsabbiltà professonali għal għemilu? Forsi għax ħadd qatt ma nżamm responsabbli ta' negliġenza li ssarrfet fi ħsara ambjentali, soċjali u ekonomika? Forsi minħabba li dejjem sibna ċerta diffikultà biex insostnu pjanijiet fit-tul u ħolistiċi?

---

[8] A Changing Climate for Energy from Waste?. D. Hogg. Eunomia research and consulting. 2006.

Ċertament li waħda mill-kisbiet importanti tal-Istrateġija tal-Immaniġġjar tal-Iskart, hija l-għeluq ta' diversi inċineraturi (jekk tista' ssejħilhom hekk) żgħar imxerrdin f'diversi postijiet (fosthom fl-isptar ta' San Luqa u fil-Malta Drydocks) li kienu jaħdmu b'diversi problemi. L-inċineratur riċenti tal-Marsa (Marsa Thermal Treatment Facility) li beda jiffunzjona kważi sena ilu kellu l-għan li jaħraq kwalità speċifikà u limitata ta' skart, iżda wara kien deċiż li jkun żviluppat aktar sabiex jaħraq firxa akbar ta' kwalità ta' skart. Għadu mhux ċar x'wassal għal dan it-tibdil fil-pjanijiet (li suppost kellhom ikunu għat-tul): Forsi għax l-ispeċifikazzjonijiet oriġinali tal-impjant kif oriġinarjament żviluppat, ma kenux addattati għall-għanijiet oriġinali li kellu jaqdi? Forsi għax il-pjanijiet fit-tul għal dan l-impjant ma kienux ċari? Intqal li issa, b'riżultat tat-tibdil f'dawn il-pjanijiet, l-impjant suppost qed jaħdem b'aktar effiċjenza.

Madankollu, wieħed jistaqsi fuqiex hi bbażata din l-istqarrija? Dan għaliex l-impjant għadu qiegħed ikun ikkummissjonat u għadu qiegħed jgħaddi minn fażijiet ta' provi tekniċi. Mill-informazzjoni fuq l-emissjonijiet ta' dan l-impjant, disponibbli *online* (WasteServ), ma nistgħux noħorġu konkluzjonijiet ċari ħafna, minħabba li l-informazzjoni mhix kompluta. Per eżempju, jidher li l-emissjonijiet tal-*carbon monoxide* ma kienux baxxi u kienu jersqu wisq lejn il-limiti stabbiliti. F'perjodu ta' disa' xhur kien hemm test wieħed biss irrappurtat dwar il-livell ta' *dioxines* u *furans* (gassijiet perikolużi għas-saħħa) li kien f'livell aċċettabbli. Il-KA tifhem li testijiet bħal dawn jiswew il-flus, u dawn il-gassijiet ma jkunux imkejla fil-pront (real-time). Iżda fl-istess waqt nistaqsu: F'perjodu ta' disa' xhur kien hemm riżultati oħra fuq testijiet bħal dawn? Fin-nuqqas ta' din l-informazzjoni ċ-ċittadin ma jistax jasal għall-konklużjoni mgħaġġla li l-impjant qiegħed jaħdem tajjeb jew ħażin.

Huwa f'dan il-qafas ta' sitwazzjoni li rridu noqogħdu attenti ħafna qabel ma naslu għad-deċiżjoni li l-inċinerazjoni tal-iskart għandha tingħata xi prijorità fuq teknoloġiji oħra. Fl-opinjoni tal-KA, din l-għażla għadha mhix iġġustifikata biżżejjed.

### 2.7 Skart ta' kostruzzjoni

L-ammont iġġenerat ta' dan it-tip ta' skart dejjem kienet problema ... u hekk jidher li għadha. Donnu li d-diversi inizjattivi meħuda fil-qafas tal-immaniġġjar tal-iskart, għadhom mhux qed jagħtu r-riżultati meħtieġa. Għalhekk, il-KA taqbel ħafna mad-direzzjonijiet indikati f'paġna 22 tar-Reviżjoni. F'din l-istess paġna hemm referenza għar-rapport imħejji u ppreżentat mill-BICC (Building Industry Consultative Council) f'Ottubru tal-2002. Ir-rapport jagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi fuq l-immaniġġjar ta' dan l-iskart. Ir-Reviżjoni tinkoraġġixxi lill-Gvern sabiex iwettaq dawn ir-rakkomandazzjonijiet (issa, aktar minn sitt snin wara). X'qiegħed iżomm li dawn ir-rakkomandazzjonijiet ikunu attwati?

Spiss nisimgħu l-argument li mod kif nistgħu nużaw aħjar dan l-iskart huwa li nirriklamaw l-art mill-baħar bih. Kif konna għidna fl-2005, inħossu li din il-possibbiltà m'għandhiex tkun ippreżentata bħala soluzzjoni faċli tal-problema. Ikun aktar għaqli li naħdmu biex innaqqsu kemm nistgħu mill-ġenerazzjoni ta' dan l-iskart u li nerġgħu nużawh bħala riżorsa. Fl-istess waqt, ma naqblux li jekk dan l-iskart jintuża sabiex nirriklamaw l-art mill-baħar, ikun l-aktar mezz effikaċi kif nużawh bħala riżorsa! Jeżistu metodi ferm aktar effiċjenti sabiex verament nużaw dan il-materjal bħala riżorsa fl-istess industrija tal-bini. Per eżempju, ikun aktar jagħmel sens li t-tħaffir tal-art (għal skavar bħala parti minn binjiet u żviluppi ġodda) jsir b'mod li ħafna mill-materjal li

jkun iġġenerat, ikun jista' jerġa' jintuża bħala blokki għall-istess kostruzzjoni ... kif kien isir fl-imgħoddi. Jew illum, għal din l-industrija, l-għaġġla u l-gwadann ekonomiku saru prijoritajiet li jmorru qabel l-għaqal u l-użu sostenibbli tar-riżorsi ta' pajjiżna?

L-użu ta' blokki kbar fil-qasam tal-kostruzzjoni kien minn dejjem. Xhieda ta' dan insibuha f'ħafna mill-irziezet tagħna (li llum jew iġġarrfu jew tħattew), fejn fil-bitħa normalment kien hemm ħofra kbira imqattgħa fil-blat. Din kienet "il-barriera" li minnha l-bidwi kien jaqta' l-ġebel biex jibni daru. Kien jiffranka l-ġarr tal-materjal u l-art mir-raba' tiegħu stess. Barra minn hekk, kien juża l-ħofra bħala bir għall-ħazna tal-ilma. Għalhekk, dan kien sostenibbli d-dopju taghna! Ma narawx għaliex ma nistgħux nagħmlu xi ħaga simili llum, speċjalment bil-mezzi moderni, fejn bl-inġenji li hawn (bħat-'trencher'), wieħed jista' jaqta' blokki sħaħ (ta' madwar metru kubu), li dawn jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' 'retaining walls' jew pedamenti fuq il-post stess, dejjem jekk il-blat ikun ta' natura ġeoloġika soda.

Hemm ukoll il-kaz fejn l-Awtoritajiet għandhom jaraw jekk għandhiex tkun kundizzjoni fil-permess tal-bini, li perċentaġġ mit-twaqqigħ ta' bini relattivament ġdid (li nbena f'dawn l-aħħar 25 sena), għandu jerġa' jintuża għall-pedamenti tal-istess struttura approvata mill-MEPA. Jekk le, allura dan il-materjal għandu jmur f''recycling depot' fejn min se jibni jew jagħmel xi alterazzjoni jista' jixtri l-materjal minn hemm. B'hekk ikun hemm riċiklaġġ tal-ġebel fil-veru sens tal-kelma!

### 2.8 Konklużjoni

Hemm diversi punti oħra li tqajjmu fir-Reviżjoni li ma kenux trattati f'din l-Opinjoni. Fost dawk ewlenin, kien hemm l-iskart perikoluż u industrijali, l-iskart agrikolu, eċċ. Kif għidna fl-introduzzjoni, f'din l-opinjoni, il-KA ħarset lejn id-direzzjonijiet offerti aktar milli daħlet f'kull dettal ta' din ir-Reviżjoni. Wara kollox, kif inhu indikat mill-istess reviżjoni, hemm pjanijiet li joħorġu diversi *'working papers'* għall-implimentazzjonijiet tad-diversi inizzjattivi proposti. Il-KA lesta ssemma leħinha fuq dawn, jekk u meta dawn il-*'working papers'* joħorġu għad-diskussjoni pubblika.

Fl-Opinjoni li l-KA ħarġet fl-2005 dwar l-Istrateġija tal-Immaniġġjar tal-Iskart (2002), fost il-konklużjonijiet insibu dan li ġej fuq ir-Reviżjoni:

> 'F'din l-Opinjoni, il-Kummissjoni wriet diversi aspetti fejn din l-Istrateġija tista' tissaħħaħ u titjieb sabiex tilħaq dejjem aktar l-għanijiet mixtieqa. Nisperaw li dawn l-aspetti jkunu indirizzati fil-verżjoni riveduta ta' din l-Istrateġija. Dawn l-aspetti jinkludu: il-bżonn li nenfasizzaw u nsaħħu ħafna aktar is-sehem taċ-ċittadin fid-deċiżjonijiet li jittieħdu, kif ukoll li l-ewwel prijorità għandha tingħata lit-tnaqqis tal-ammont ta' skart ġenerat. B'hekk inkunu qed nattakkaw il-kawża u mhux biss is-sintomi tal-problema 'skart'. Il-Kummissjoni tispera li dawn l-aspetti jkunu ndirizzati kif jixraq fl-Istrateġija riveduta. Terġa' u tgħid, nisperaw li din ir-reviżjoni tagħti aktar sinjali ċari ta' kif il-prinċipji bażiċi li fuqhom inbniet l-Istrateġija oriġinali, inkluż il-prinċipju tal-prossimità u l-awtosuffiċjenza u l-prinċipju li min iniġġes irid iħallas, ikunu applikati b'mod rigoruż sabiex ir-responsabblità tal-problema nazzjonali tal-iskart tkun maqsuma b'mod ġust, għaqli u ekwu fuq id-diversi naħat ta' Malta.
>
> Permezz ta' din l-Opinjoni, il-Kummissjoni trid tkompli tenfasizza li żvilupp veru, żvilupp sostenibbli, hu dak li jsib bilanċ bejn interessi ekonomiċi, interessi

ambjentali u interessi soċjali. Biex dan iseħħ, jeħtieġ riflessjoni serja tal-qagħda li nkunu fiha, sett ta' valuri li jpoġġu l-ġid komuni bħala prijorità ewlenija u proċess wiesa' ta' konsultazzjoni maċ-ċittadin. Fuq kollox, jinħtieġ maturità politika fl-awtoritajiet ċivili sabiex ikunu flessibbli biżżejjed li jkunu kapaċi jaddattaw deċiżjonijiet li jkunu ħadu u proġetti li jkunu varaw skont il-bżonnijiet emerġenti tas-soċjetà.'

Kif urejna bid-dettal aktar 'il fuq, naħsbu li r-Reviżjoni ndirizzat ċerti aspettattivi tagħna, iżda ċertament mhux kollox, mhux neċessarjament fuq il-punti ewlenin.

## 3.0 Rapport ta' Konsultazzjoni: "Strateġija Nazzjonali ta' Miżuri ta' Politika u Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Gassijiet Serra"[9].

Fil-11 ta' Mejju 2007, il-KA, nediet konferenza stampa dwar "Azzjoni mill-Knisja dwar it-tibdil fil-klima". F'din il-komunikazzjoni l-KA rrappurtat iniżjattivi li nediet sabiex tinstab soluzzjoni għal din il-problema ambjentali. Dawn l-inizjattivi kienu motivati mill-impenn tal-Knisja lokali li tgħix dak li temmen fih u li bil-mod kif tibża' għall-ambjent, turi r-rispett li għandha lejn il-bniedem xbieha ta' Alla. Kien minħabba dan l-impenn li wassal lill-KA sabiex tilqa' bil-qalb l-istedina tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali sabiex tkun rappreżentata bħala kummissjoni fuq il-kumitat li ħejja dan id-dokument. Il-KA qed tistqarr dan sabiex wieħed ikun jista' jifhem il-preġudizzju li jista' jkun hemm f'dawn il-kummenti li ġejjin.

Minkejja li d-dokument ma jippretendix li hu l-bidu u t-tmiem tad-diskors dwar it-tibdil fil-klima, il-KA tħoss li dan il-dokument mela vojt li kien ilu jinħass żmien fid-diskorsi li saru lokalment dwar din it-tema. Id-dokument:

(a) jevita li joqgħod jidħol fid-dibattitu (li xi wħud għadhom jintilfu fih) jekk it-tibdil fil-klima hux ikkawżat mill-impatt tal-bniedem inkella minn fenomeni naturali. Id-dokument jieħu l-pożizzjoni li hi x'inhi l-kawża jeħtieġ li nagħmlu xi ħaġa dwarha sabiex niżguraw l-kwalità tal-ħajja tagħna;

(b) filwaqt li jaċċetta l-impatt ambjentali ta' dan il-fenomenu, joffri argumenti sodi fuq livell leġislattiv u ekonomiku dwar għaliex pajjiżna jeħtieġ li jieħu l-kwistjoni tat-tibdil fil-klima bis-serjetà. F'din l-analiżi joħroġ ċar il-prezz għoli li pajjiżna jkollu jħallas jekk jagħżel li ma jagħmel xejn. Madankollu, d-dokument jiżviluppa l-kunċett ta' ekonomija li hi sensittiva għall-bżonnijiet soċjali;

(ċ) għalkemm jagħmel 87 rakommandazzjoni (ara Anness 1), id-dokument jippromwovi strateġija flessibbli li tadatta ruħha għall-bżonnijiet li jinqalgħu fil-pajjiż u għall-aħħar żviluppi fit-teknoloġija;

(d) jagħmilha ċara li Malta għad m'għandhiex l-istrutturi meħtieġa biex tkun tista' titfassal strateġija ħolistika dwar din it-tibdil fil-klima. Fil-fatt, id-dokument jindirizza 83 rakkomandazzjoni lill-Gvern li jikkonċernaw it-tnedija u t-tisħiħ ta' dawn l-istrutturi; u

[9] Ippubblikat mill-Kumitat għall-Bidla fil-Klima maħtur mill-Gvern ta' Malta f'Jannar 2009

(e) tħejja wara process ta' konsultazzjoni wiesgħa ma' diversi setturi tas-soċjetà. Madankollu, il-kumitat għaraf il-kumplessità tal-kwistjoni u mpenja ruħu sabiex il-proċess ta' konsultazzjoni jitkompla wara l-pubblikazzjoni tad-dokument.

Il-KA tixtieq tinnota wkoll li fejn għandhom x'jaqsmu t-tariffi tad-dawl u l-ilma, meta l-konsumatur ikun obbligat li jħallas għal dak li juża (kif hinu xieraq) dan għandu jsir b'mod trasparenti u fi klima ta' fiduċja li dak il-prezz imħallas huwa verament il-prezz ġust. Il-konsumatur m'għandu qatt ikun imġiegħel iħallas għall-ineffiċjenzi, amministrazzjoni ħazina u deċiżjonijiet żbaljati li setgħu ttieħdu fil-passat fil-qasam tas-servizzi tal-elettriku u l-ilma. Waqt li l-prezz ġust huwa l-aktar għodda tajba sabiex toħroġ l-aħjar mill-imġiba tal-konsumatur, jekk ikun hemm suspett li l-prezz mhux gust allura jkun qed jintbagħat messaġġ perikoluż u kontro-produttiv.

Dan id-dokument ta' konsultazzjoni dwar it-tibdil fil-klima jagħmel ukoll diversi riferenzi għall-bżonn li jkun hemm sinerġija mal-istrateġija dwar l-iskart. Jagħmel ukoll riferenzi għall-għażliet strateġiċi dwar l-użu tal-iskart għall-enerġija. Naturalment, il-kummenti li l-KA għamlet aktar 'il fuq fuq dan il-qasam japplikaw għal dawn l-argumenti wkoll.

Il-KA tħoss li, mir-rakkomandazzjonijiet li jagħmel id-dokument, joħroġ ċar li biex iseħħ dan kollu jeħtieġ konsensus nazzjonali … speċjalment fil-Kamra tad-Deputati. Dan il-bżonn kien inħass ukoll mit-tfal li attendew għas-sessjoni tal-Parlament EkoSkola li kien sar f'Ġunju 2008. F'mozzjoni li pproponew lill-Membri Parlamentari huma qalu:

"*Nifhmu li hemm ħafna affarijiet li dwarhom mhux dejjem taqblu bejnietkom.* ***Imma nixtiequkom ħafna li fuq din il-kwistjoni tagħmlu sforz ħalli tiftehmu ħalli flimkien insibu tarf tagħha.***"[10]

## 4.0 Għeluq

Il-KA tixtieq tagħlaq din l-Opinjoni billi tagħmel appell dirett lejn il-politiċi tagħna mill-partiti kollha ... appell għalpolitika aktar matura li tpoġġi l-ġid komuni ta' pajjiżna bħala prijorità. Imma ċertu diskors politiku li smajna fuq il-mezzi tax-xandir, u anke saħansitra fl-istess Kamra tar-Rappreżentanti, fuq dawn iż-żewġ dokumenti ma tantx narawh jawgura tajjeb. Spiss dan d-diskors jkun ikkarattizzat minn attakki personali u attentati sabiex isir gwadann politiku partiġġjan.

Il-problema tkompli tikber ukoll 'il barra mill-Kamra, fil-mod kif imexxu r-rapportaġġ tal-media a. Ħafna drabi jkun hemm attentati sottili (u kultant anqas sottili) li jirriduċu l-għażliet importanti li rridu nieħdu dwar kwistjonijiet ambjentali għalsempliċiment jekk taqbilx mal-Gvern jew mal-Oppożizzjoni. Per eżempju, minn esperjenzi passati, il-KA taf li dak kollu li ppruvat twassal b'din l-Opinjoni faċli li jkun ridott, minn xi wħud, għal jekk il-KA hix kontra jew favur l-inċineratur u mhux x'qalet fuq livell aktar wiesgħa ta' strateġija, amministrazzjoni u parteċipazzjoni.

Din il-polarità tirriduċi kollox f'ballun politiku bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra – bħalma ġara fl-edukazzjoni fl-aħħar elezzjoni ġenerali. Attitudni bħal din twassal sabiex:

---

[10] Silta mill-Mozzjoni dwar l-EkoSkola mressqa lill-Kamra tad-Deputati fis-3 ta' Ġunju 2008 fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Ambjent 2008

- l-interess prinċipali ma jibqax il-ġid komuni, imma li partit jiskurja kontra l-partit l-ieħor;
- jittieħdu deċiżjonijiet mgħaġġla ... sabiex naħa tidher li qed tieħu l-inizjattiva qabel in-naħa l-oħra;
- isir investiment f'soluzzjonijiet immedjati mingħajr ma jitqies l-impatt fit-tul tagħhom;
- ikun hemm min iħossha bi tqila li jammetti żball fuq deċiżjoni jew pożizzjoni partikolari minħabba l-kritika (kultant personali) li jkollu jiffaċċja;
- jinħlew ħafna riżorsi sabiex ċertu prattiċi, li mhux qed irendu, jitħallew f'posthom biex ħadd ma jieħu għalih jew jagħmel kapital politiku minnhom; u
- iċ-ċittadini jispiċċaw jiddeċiedu b'moħħ ħaddieħor u mhux b'moħħhom ... bħalma sfortunatament kultant isir f'ċerti kunsill lokali.

Il-KA tħoss li l-politiċi tagħna għandhom juru dejjem maturità politika u jinvestu l-enerġija (li jaħlu sabiex jaqbdu lil xulxin fuq sieq ħażina) f'li jistabbilixxu front nazzjonali komuni u, minkejja l-ideoloġiji differenti tagħhom, jaħdmu flimkien dwar temi fundamentali għalpajjiżna (i.e. l-ambjent, l-edukazzjoni u s-saħħa). Il-KA tħoss wkoll li l-poplu Malti xeba' jara lill-politiċi jibdlu kwistjonijiet ta' importanza nazzjonali f'battibekki politiċi li minnhom spiss ma joħroġ xejn ta' ġid. Il-poplu ċertament jixraqlu aħjar.

**Anness 1: Ġabra fil-qosor tar-rakkomandazzjonijiet proposti mid-dokument "Strateġija Nazzjonali ta' Miżuri ta' Politika u Tnaqqis tal-Emissjonijiet tal-Gassijiet Serra"**

| **Rakkomandazzjoni indirizzata lil …** | **Tema tar-rakkomandazzjoni** | **Rakkomandazzjoni Nru.** | **Total** |
|---|---|---|---|
| Kumitat għall-Bidla fil-Klima | Pubblikazzjoni tar-rapport sabiex jimbeda dibattitu dwar it-tibdil fil-klima | 1 | 1 |
| Gvern | Preparazzjoni tal-ekonomija lokali sabiex tkun tista' tilqa' l-isfida tat-tibdil fil-klima | 2, 3, 4, 10 | 4 |
| | Żvilupp ta' strutturi amministrattivi li jilqgħu għall-isfida tat-tibdil fil-klima | 5, 6, 11, 14, 15, 16 | 6 |
| | Implimentazzjoni ta' miżuri sabiex jitnaqqas l-impatt fuq it-tibdil fil-klima | 7, 8, 9, 13, 52, 53, 54, 58, 60, 61, 62, 63, 64, 65, 66, 68, 69, 70, 71, 72, 73, 75, 76, 77, 78, 79, 81 | 27 |
| | Twettiq ta' aktar riċerka dwar t-tibdil fil-klima | 39, 40, 49, 50 | 4 |
| | Ġbir ta' informazzjoni lokali dwar t-tibdil fil-klima u t-taħriġ fis-settur | 12, 30, 34, 35, 67, 80 | 6 |
| | Promozzjoni ta' edukazzjoni ambjentali | 84, 85, 86, 87 | 4 |
| | X'tip ta' teknoloġija għandha tkun ikkonsidrata | 41, 42 | 2 |
| | Promozzjoni u inċentivar ta' prattiċi tajbin | 17, 18, 19, 20, 21, 23, 25, 26, 27, 28, 29, 31, 32, 33, 36, 37, 38, 43, 44, 45, 46, 47, 48, 55, 56, 57, 59, 74, 82, 83 | 30 |
| L-intrapriżi u l-industriji l-kbar | Implimentazzjoni ta' miżuri sabiex jitnaqqas l-impatt fuq it-tibdil fil-klima | 22, 24 | 2 |
| | Promozzjoni ta' edukazzjoni ambjentali | 51 | 1 |